MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvana Zrinzo Azzopardi)**

**vs**

**Raymond Camilleri ta' 22 sena, iben Anthony u Carmela nee Vella, mwieled Pieta' fil-11-12-78, u joqghod 'Mt. Carmel', Triq is-Saljatura, Mqabba, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 48779 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Camilleri li gie akkuzat talli fit-3 ta' Marzu, 2002 bejn it-8.00 a.m. u t-8.15 a.m. gewwa Triq il-Kbira, Zebbug,

(1) ikkommetta serq ta' stereo ta' karozza minn vettura numru HAN-036 tal-ghamla Volkswagen ta' kulur abjad propjeta' ta' Philip Attard minn Hal-Lija, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(2) U aktar talli sar recidiv skond l-artikolu 49/50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati datata 26-02-1999 (Magistrat Dr J. Padovani Grima LL. D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tal-llum rigward it-tieni akkuza, fejn il-partijiet qablu li l-perjodu ta' probation moghti fis-26 ta' Frar, 1999 kien skada fit-3 ta' Marzu, 2002.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fuq l-ewwel akkuza.

Issibu hati wara li rat l-Art 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara li rat l-Art 7 tal-Kap 446 tqeghdu taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn mil-llum taht il-kundizzjonijiet iskritti fl-ordni ta' probation hawn annessa.

Il-Qorti tordna li l-istess ordni ta' Probation tigi nnotifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 731/03**

**Illum 15 ta' Ottubru, 2003.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvana Zrinzo Azzopardi)**

**vs**

**Raymond Camilleri ta' 22 sena, iben Anthony**
**u Carmela nee Vella, mwieled Pieta' fil-11-12-78,**
**u joqghod 'Mt. Carmel', Triq is-Saljatura, Mqabba,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**48779 (M).**

**Ordni ta' Probation**

Il-Qorti,

Tordna lill-hawn fuq imsemmi Raymond Camilleri li jobdi dawk id-direttivi kollha li jinghataw lilu mill-Probation Officer matul id-durata ta' din l-ordni.

Matul il-perjodu ta' din l-ordni Raymond Camilleri ghandu jzomm infuramat f''kull hin lill-Probation Ofgficer bi kwalunkwe bdil ta' indirizz fir-residenza tieghu.

Il-Qorti tordna wkoll ai termini ta' l-artikolu 8 tal-Kap 446 li l-probation officer jirraporta lilha dwar l-andament ta' Raymond Camilleri kull xahrejn fil-perjodu ta' dan il-probation order.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------